**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# PROĊESS TA' TIĠDID EKKLEŻJALI

Nhar il-Ħadd li ġej, Solennità tat-Trinità Qaddisa, Mons. Arċisqof se jniedi d-dokument 'Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed'. Dan hu dokument li jitkellem fuq proċess ta' tiġdid ekkleżjali għall-Arċidjoċesi ta' Malta.

L-abbozz oriġinali ta' dan id-dokument kien ippreżentat fl-Assemblea Djoċesana 2019 u, tul dawn l-aħħar xhur, ġie rivedut bis-sehem ta' diversi nies fil-Knisja u fis-soċjetà Maltija u fid-dawl tal-esperjenza li għexna lkoll bil-pandemija COVID-19.

Id-dokument jagħti viżjoni għall-Knisja f'Malta u jindika wkoll impenji partikulari għall-erba' snin li ġejjin fid-dawl ta' dan il-proċess ta' tiġdid. Hemm rabta partikulari mal-viżjoni ta' Papa Franġisku, b'mod partikulari mal-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu *Evangelii gaudium*, u mal-mod kif il-Papa jifhem dan il-proċess pastorali fil-kuntest ta' Knisja lokali.

Minn nhar il-Ħadd, id-dokument se jkun aċċessibbli online. Nitolbok biex inti taqrah, biex twasslu lil dawk kollha li qed jaħdmu pastoralment fil-parroċċa jew komunità tiegħek, u biex flimkien iġġeddu l-prijoritajiet pastorali fid-dawl ta' din il-viżjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 5 ta' Ġunju 2020.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Ġenerali